il-fjamma taqbad ġewwa fija,
U bdejt infittex xi konoxxenza ferm antika fil-ħars li qatt ma rajtu qabel,
Waqt li l-wardiet ta' wiċċek bdew jiħmaru bil-grazzja xulxinija
Bħal fjura li tinfetaħ fid-dija taż-żerniq.

U malli smajtek tkanta, dlonk ħabtet iġġelben demgħa,
Għax leħnek daħal f'qalbi u messli ruħi sewwa,
Donnu xi anġlu ssejjaħ b'isimha l-istess ruħ instema'
Waqt li tal-fidwa s-siegħa daqqet fuq l-arloġġ tas-sema.

O għażiża! Tibżax tistqarr b'għajnejk
Jekk leħni jqanqlek u tħoss il-ġibda meta nħares lejk.
Ma jimportani xejn illi d-destin u n-nies kontrina,

Li għandi naħrab u nibqa' nħobbok jien bla jies.
Ħalli mal-ieħor fiż-żwieġ fuq din il-art tingħaqad,
Imma li Alla diġà żewweġ ruħek ma' tiegħi, ammetti biss.

Yana Psaila. Traduzzjoni, 2022

Yakub Kolas (1882 - 1956) – kittieb Belarussu, drammaturgu, poeta, traduttur, figura pubblika. Wieħed mill-klassiċi u l-fundaturi tal-letteratura l-ġdida Belarussa. Poeta Nazzjonalital-Belarus.

Родныя вобразы
Вобразы мілыя роднага краю,
Смутак і радасць мая!
Што маё сэрца да вас парывае?
Чым так прыкованы я

К вам, мае ўзгорачкі роднага поля,
Рэчкі, курганы, лясы,
Поўныя смутку і жальбы нядолі,
Поўныя сумнай красы?

Толькі я лягу і вочы закрыю,
Бачу я вас прад сабой.
Ціха праходзіце вы, як жывыя,
Ззяючы мілай красой.

Чуецца гоман мне спелае нівы,
Ціхая жальба палёў,
Лесу высокага шум-гуд шчаслівы,
Песня магутных дубоў...

Вобразы мілыя, вобразы смутныя,
Родныя вёскі і люд,
Песні цягучыя, песні пакутныя!..
Бачу і чую вас тут.

Якуб Колас, 1908

## Dehriet Għeżież

Dawn id-dehriet għeżież t'art twelidi
Ferħa u niket fl-istess ħin tiegħi!
Għala ħerqana tkun qalbi għalikom?
Għaliex ninġibed inkun lejn l-għelieqi,

Lejkom, ja xmara, għeqiebi u bosk,
Mimlija bi diqa,
Bi ġmiel imnikket
Ta' destin kiefer ta' dan il-post?

Malli nimtedd u nagħlaq għajnejja
Lilkom inkun qiegħed nara,
Tgħaddu quddiemi ħiemda, qiskom ta' vera,
Tiddu bi sbuħija liema bħalha.

Nisma' t-tnehid imbikki
Tar-rbugħa dehbija,
U t-tħaxwix ferrieħi fil-masġar
Tas-siġar godlija.

Dehriet hienja, dehriet imnikkta,
Rħula għeżież u nies,
L-għanjiet newwieħa, l-għanjiet tan-niket...
Nara u nisma' fil-ħolm tiegħi biss.

## Yana Psaila. Traduzzjoni, 2021

Yana Psaila (imwielda Kirienko). Hija lingwista, traduttriċi, poetessa u membru tal-Akkademja tal-Malti. Dan l-artiklu huwa parti mill-kampanja nazzjonali "L-ilsien Malti għal qalbi" mtellgħa mill-Uffiċċju tal-President u l-għaqdiet tal-Malti.

## Ftit ħsibijiet dwar il-Festival tal-Ktieb

Għalaq is-separju fuq il-Festival tal-Ktieb, organizzat ferm tajjeb mill-Kunsill Nazzjonali tal-ktieb, meta wieħed jikkunsidra n-numru kbir ta' esebituri, attivitajiet u fuq kollox persuni li attendew. Il-Festival tal-Ktieb għalija u għal ħafna huwa opportunita' li nakkwistaw ħafna kotba bi prezz tassew irħis. Kien hemm skonti qawwija xi wħud ta' 20 fil-mija u aktar. Horizons ngħidu aħna offrew ktieb b'xejn ma' kull żewġ kotba li tixtri. Ma ninsewx li dan qed nitkellmu saħansitra fuq kotba ġodda! Biex ma nsemmux ukoll il-kotba offruti mid-distributuri fejn rajtna ħafna familji joħorġu b'basktijiet u kaxxi bil-kotba. Huwa diffiċli li nfisser għalhekk is-suċċess tal-Festival, għaliex dan kollu jfisser investiment f'uliedna, investiment fis-soċjeta' tagħna, noħolqu poplu kulturat, poplu li jaqra. Il-Festival mhuwiex biss tmiem il-ġimgħa għaliex filgħodu l-ħamis u l-ġimgħa raw bosta tfal mill-iskejjel.

Opportunità oħra f'dan il-festival hija dik li niltaqgħu ma' awturi kbar barranin. Din is-sena kellna lill-awtur John Boyne li rajnieh f'taħdita ma' Leanne Ellul. Wara kien ukoll preżenti jiffirma kopji tal-kotba tiegħu.

Ġaladarba qed insemmu l-iffirmar tal-kotba forsi tajjeb li ngħidu li din hija opportunita' oħra li jġib miegħu dan il-Festival. Bosta awturi lokali, saħansitra dawk li jokkupaw pożizzjoni għolja fis-soċjeta' jkunu qed jiffirmaw il-kotba. Fost oħrajn din is-sena akkwistajt dak tal-Imħallef Toni Abela.

Sfidi. Sfida ewlenija bla dubju ta' xejn hija l-prezz tal-karta. Fil-Paġna Letterarja tal-Ħadd 20 ta' Novembru 2022, David Bezzina, Diriġent ta' Horizons ikkummenta hekk: "Il-pubblikaturi kollha ilhom għaddejin minn diffikultajiet kbar matul dawn l-aħħar tliet snin. Wara d-daqqa ta' ħarta tal-pandemija, u n-nuqqas ta' bejgħ li din ġabet magħha tista' tgħid f'kull settur, il-pubblikaturi issa qed jiffaċċjaw żjieda straordinarja fil-prezz tal-karta, li fi żmien sena waħda għoliet b'madwar 50%. Dan se jkollu ta' bilfors jgħolli l-prezz tal-produzzjoni tal-ktieb Malti fix-xhur li ġejjn." Dan kien l-istess sentiment ta' Chris Gruppetta, diriġent ta' Merlin Publishers li fl-istess Paġna Letterarja kkummenta, "Dis-sena, kontra qalbna bħala Merlin Publishers kellna nieħdu d-deċiżjoni diffiċli li għall-ewwel darba ma neħdux sehem fil-Festival tal-Ktieb. L-industrija tal-ktieb għaddejja minn waħda mill-aktar kriżijiet profondi fl-istorja tagħha, riżultat tal-konfluwenza ta' varji ċirkostanzi fosthom l-effetti tal-pandemija, il-gwerra fl-Ukrajna li affettwat bil-kbir il-prezz tal-karta"

Ftit ħsibijiet min-naħa tiegħi dwar dan il-Festival li nittama li jkunu t'għajnuna.

a) Jiena għadni nemmen li l-idea ta' Festival hija waħda tajba. Numru ta' diskussjonijiet, attivitajiet oħra huma maħsuba li jattiraw aktar il-pubbliku. Nifhem li l-esebituri forsi jkollhom il-kritika tagħhom dwar dan. Imma ġaladarba dawn l-attivitajiet qed ikollhom udjenza, jfisser li n-nies qed jattendu għalihom.

b) Il-Festival irid ikompli jinfetaħ aktar għal uċuh ġodda bħala preżentaturi, min imexxi d-diskussjonijiet u forsi wkoll anke għal ideat ġodda. Dan mhux biss mill-kumitat organizzattiv imma anke mill-attivitajiet organizzati mill-esebituri.

c) Ta' Qali ċertament li offra spazju ikbar u mingħajr problemi fejn wieħed jipparkja l-karozza. Iżda hemm bżonn dak il-kobor kollu għal dan il-Festival? Jista' jkun li l-ktieb jeħtieġ atmosfera aktar akkoljenti, fejn tħoss aktar ġabra minn dik kiesħa ta' ġewwa t-tinda kbira?

Jekk l-udjenza li tattendi dan il-festival, tant hija kbira li l-uika għażla li hemm quddiemna hija bejn fejn kien isir qabel jew fejn qed isir preżenti, mela allura rridu nieqfu ftit u nfaħħru dan is-suċċess.

d) Matul is-sena qed jiġu organizzati bosta inizjattivi fejn dak li jkun jista' jixtri ktieb bi prezz imraħħas. Hawnhekk mhux qed nitkellmu neċessarjament dwar l-aħħar ktieb mill-pubblikatur Malti. Fil-festival ma jattendux biss dawk li jixtiequ jixtru l-aħħar kotba tal-pubblikaturi Maltin, imma għandek mijiet li jakkwistaw kotba oħrajn mingħand distributuri lokali. Jista' jkun li dan il-fattur jista' jnaqqas ftit mill-attendenza tal-Festival?

e) Jekk ngħid li l-organizzaturi tal-Festival ma spjegawx sew il-programm inkun maqtugħ mir-realta' kompletament, għaliex kemm -il darba dehru fil-mezzi tax-xandir u nista' nikkonferma kemm jaħdmu tajjeb kemm max-xandara bħali u kemm mal-pubbliku b'mod ġenerali. Is-sit huwa spjegat tajjeb ħafna u fih issib l-informazzjoni kollha. Biss, nafu li tagħmel kemm tagħmel diffiċli li tilħaq lil kulħadd. Jista' jkun hemm il-programm aktar viżibbli fid-dħul tas-sala u f'postijiet oħra? U dan iġibni għall-aħħar punt:

f) Jiena ġej mill-qasam tat-teknoloġija u hawn hekk forsi l-ħsibijiet tiegħi jistgħu jkunu ftit diverġenti minn dawk ta' bosta ħbieb tal-ktieb.

Il-Festival huwa tal-ktieb, tabilħaqq, imma fiż-żmien tal-lum nistenna li fil-Festival nara xi skrin bl-informazzjoni jew xi vidjow. Nistenna li nara aktar użu ta' QR codes. Altru li din mhux teknoloġija li ser tnaqqas il-qari! Hawnhekk forsi nistenna aktar sforz ukoll mill-pubblikaturi lokali, bl-isfidi tagħhom, għax nerġa' ngħid ma ninsewx li Malta għandna suq żgħir ħafna.

Irrid nagħlaq iżda bħalma bdejt billi ngħid prosit mill-ġdid lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, tim dinamiku mmexxi mis-Sur Mark Camilleri.

M'għandix dubju li l-passjoni ta' dawn in-nies li qatt ma jieqfu joħolmu iżda fl-istess ħin miftuħin għal ideat ġodda (forsi anke jikkunsidraw dawn li umilment qed naqsam jiena wkoll), u b'esperjenza ta' Fieri barra minn xtutna ser iwassal għal suċċess ieħor is-sena li ġejja.